Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Baġits

2025/0222(COD)

23.6.2026

VALUTAZZJONI BAĠITARJA

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Erasmus+ għall-perjodu 2028–2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888

(COM(2025)0549 – C10-0170/2025 – 2025/0222(COD))

Rapporteur għal valutazzjoni baġitarja: Lucia Yar

PA_LegEvaluation

VALUTAZZJONI BAĠITARJA

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Erasmus+ għall-perjodu 2028–2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888

(COM(2025) – C10-0170/2025 – 2025/0222(COD))

Bis-saħħa tal-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura, il-Kumitat għall-Baġits ħareġ valutazzjoni tal-proposta u kkonkluda dan li ġej:

Il-Kumitat għall-Baġits,

A. billi Erasmus+ huwa programm emblematiku tal-Unjoni li jappoġġa l-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ, l-isport kif ukoll il-volontarjat u ċ-ċittadinanza attiva fil-perjodu ta' programmazzjoni futur, u għandu rwol ċentrali biex jippromwovi l-valuri Ewropej, il-kooperazzjoni transfruntiera u l-involviment taż-żgħażagħ;

B. billi l-programm Erasmus+ għandu rwol ewlieni fil-bini tal-mobbiltà tal-apprendiment barra mill-pajjiż u għandu effett pożittiv fuq l-attitudnijiet tal-parteċipanti lejn l-Unjoni, filwaqt li jżid is-sens ta' identità Ewropea tagħhom, u b'hekk iġib valur miżjud tal-UE;

C. billi l-programm Erasmus+ isaħħaħ il-kapital uman, il-mobbiltà u l-ħiliet u b'hekk jikkontribwixxi għall-kompetittività Ewropea, il-koeżjoni soċjali u ekonomika u l-ħolqien tal-Unjoni tal-Ħiliet;

D. billi d-domanda għall-parteċipazzjoni fil-programm Erasmus+ permezz ta' perjodi ta' programmazzjoni preċedenti qabżet bil-kbir ir-riżorsi finanzjarji disponibbli, u din irriżultat f'opportunitajiet ta' parteċipazzjoni mnaqqsa u f'għadd sinifikanti ta' proġetti li baqgħu mhux iffinanzjati;

E. billi r-rapport Draghi appella għal żieda ta' ħames darbiet fil-baġit tal-programm Erasmus+ sabiex tintlaħaq l-ambizzjoni tiegħu li jipprovdi opportunitajiet ta' mobbiltà lil kull persuna żagħżugħa fl-Unjoni; billi l-investiment fl-edukazzjoni, il-ħiliet u l-kapital uman huwa kundizzjoni strateġika għall-produttività, il-kompetittività u r-reżiljenza fit-tul tal-Ewropa;

F. billi l-programm ġie affettwat b'mod partikolari miż-żieda fl-għoli tal-ħajja li taqbeż il-livelli medji tal-għotjiet għal ħafna bliet, kif ukoll minn rati għoljin ta' inflazzjoni matul il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) attwali, fejn it-tnejn li huma ħolqu ostakli għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ minn sfondi inqas privileġġati u minn Stati Membri b'kapaċità tal-akkwist aktar baxxa, b'mod partikolari mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant;

G. billi l-volontarjat, immexxi mill-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà sottoskritt iżżejjed b'mod massiv, wera li għandu effett pożittiv biex jikkontribwixxi għall-kompetenzi tat-tmexxija tal-Unjoni filwaqt li jindirizza l-isfidi soċjali u globali madwar id-dinja;

1. Iqis li l-pakkett tal-programm Erasmus+ għandu jiżdied minn EUR 40 827 000 000 fi prezzijiet attwali għal EUR 47 387 963 000 fi prezzijiet attwali (EUR 42 000 000 000 fi prezzijiet tal-2025) biex ikun jista' jwettaq l-azzjonijiet ta' suċċess tiegħu; ifakkar fil-ħtieġa li tiġi żgurata integrazzjoni ottimali tal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;

2. Ifakkar fil-miri tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill "Ewropa Attiva"[1], li, sal-2030, għandha l-għan li tiżgura li, fl-edukazzjoni għolja, is-sehem ta' gradwati b'esperjenza ta' mobbiltà tal-apprendiment barra mill-pajjiż ikun mill-inqas 23 %, u fis-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, is-sehem ta' studenti vokazzjonali li jibbenefikaw minn esperjenza ta' mobbiltà tal-apprendiment barra mill-pajjiż ikun mill-inqas 12 %; jenfasizza li sabiex jintlaħqu dawn il-miri, il-baġit propost jidher insuffiċjenti u hija meħtieġa żieda;

3. Iqis li biżżejjed riżorsi, inklużi riżorsi umani, tekniċi u tal-IT, iridu jkunu disponibbli mill-bidu nett u tul il-perjodu kollu ta' programmazzjoni tal-QFP 2028-2034 biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-programm Erasmus+;

4. Jiddeplora n-nuqqas ta' diżaggregazzjoni tal-baġit tal-programm Erasmus+, b'mod partikolari meta mqabbel mas-sitwazzjoni fil-QFP attwali; jinnota li dan jagħti lill-Kummissjoni aktar libertà biex tbiddel il-prijoritajiet tal-infiq u tiddeċiedi dwarhom matul l-implimentazzjoni; jisħaq li s-simplifikazzjoni u l-flessibbiltà ma jridux jitwettqu għad-detriment tat-trasparenza u tas-sorveljanza mill-awtorità baġitarja; jirrakkomanda għalhekk, li l-att bażiku jinkludi pakketti sekondarji xierqa għal tliet oqsma, jiġifieri, "l-edukazzjoni u t-taħriġ", "iż-żgħażagħ u l-volontarjat" u "l-isport", sabiex jiġu żgurati l-prevedibbiltà, it-trasparenza u l-implimentazzjoni effettiva ta' dawn l-oqsma tal-programm;

5. Jiddeplora n-nuqqas ta' nomenklatura tal-baġit indikattiva dettaljata biżżejjed proposta fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja u Diġitali Leġiżlattiva (LFDS); iqis li dan se jfixkel is-sorveljanza u l-kapaċità tal-awtorità baġitarja li tmexxi b'mod preċiż il-prijoritajiet ta' politika fil-proċedura baġitarja annwali; jesprimi tħassib li l-arkitettura baġitarja aggregata żżejjed iżżid b'mod drammatiku d-diskrezzjoni tal-Kummissjoni fit-trasferiment u r-riallokazzjoni tar-riżorsi mingħajr deċiżjoni tal-awtorità baġitarja, u tillimita serjament is-sorveljanza parlamentari; jirrakkomanda għalhekk nomenklatura aktar dettaljata li tirrifletti kif xieraq l-objettivi u l-istruttura ta' Erasmus+ u ssaħħaħ it-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-kontroll parlamentari;

6. Ifakkar li n-nomenklatura tal-baġit trid tikkonforma mal-Artikolu 47(2) tar-Regolament (EU, Euratom) 2024/2509[2] (ir-Regolament Finanzjarju), li jipprevedi li kull titolu jrid jikkorrispondi għal qasam ta' politika u li kull kapitolu jrid, bħala regola, jikkorrispondi għal programm jew għal attività, f'konformità mal-prinċipji tal-ispeċifikazzjoni, tal-ġestjoni finanzjarja tajba u tat-trasparenza; jirrakkomanda li l-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jemenda l-proposta biex jinkludi anness li jiddefinixxi n-nomenklatura ta'

[1] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2024 "Ewropa Attiva" – opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd (ĠU C, C/2024/3364, 14.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/3364/oj).
[2] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

Erasmus+; jinsisti li n-nomenklatura tal-baġit tifforma parti integrali mill-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament u trid tiġi diskussa fin-negozjati interistituzzjonali; iqis, f'dan ir-rigward, li l-LFDS riveduta trid tkun parti mill-ftehim politiku finali;

7. Jinsisti li leġiżlazzjoni dettaljata u soda biżżejjed, b'livell xieraq ta' governanza, hija kundizzjoni għal teħid xieraq ta' deċiżjonijiet baġitarji u sorveljanza parlamentari adegwata matul l-implimentazzjoni tal-baġit; jirrakkomanda li jiġu introdotti dispożizzjonijiet biex jissaħħaħ il-kontroll fuq kif il-baġit jiġi mobilizzat u minfuq;

8. Jemmen li l-għażliet ta' politika sostantivi kollha, bħall-objettivi tal-programm, il-prijoritajiet ta' nfiq, l-allokazzjonijiet finanzjarji, ir-rati ta' finanzjament, il-kriterji għall-eliġibbiltà, għall-għażla u għall-għoti, il-kundizzjonijiet u d-definizzjonijiet iridu jiġu ddeterminati fl-att bażiku, b'rispett sħiħ għall-prerogattivi tal-Parlament bħala koleġiżlatur u fergħa waħda tal-awtorità baġitarja tal-UE, u li kwalunkwe element mhux essenzjali li jinvolvi għażliet politiċi li mhumiex inklużi fl-att bażiku jrid jiġi adottat permezz ta' atti delegati, inklużi programmi ta' ħidma;

9. Jappella għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi u tar-rekwiżiti ta' rapportar għall-organizzazzjonijiet ġodda, l-organizzazzjonijiet żgħar u l-organizzazzjonijiet b'kapaċità amministrattiva iżgħar, inkluż it-tnaqqis tal-kumplessità tal-applikazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli fl-azzjonijiet kollha sabiex jittejjeb l-użu tal-programm minn tali benefiċjarji; jirrimarka li l-iskemi ta' mekkaniżmi ta' finanzjament, inklużi regoli relatati mal-prefinanzjament u l-kofinanzjament, jistgħu jikkostitwixxu ostakli għall-parteċipazzjoni għal dawn it-tipi ta' organizzazzjonijiet u għalhekk jirrakkomanda rieżami ta' dawn id-dispożizzjonijiet;

10. Jappella għal sinerġiji effettivi bejn Erasmus+ u programmi oħra, b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Ewropa Globali u l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (PSNR), kif ukoll il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u AgoraEU; jisħaq li sinerġiji msaħħa bejn l-istrumenti ma jridux jinkisbu għad-detriment tat-traċċabbiltà tan-nefqa jew tal-prerogattivi tal-awtorità baġitarja; jissottolinja li l-kontribuzzjoni ta' Erasmus+ għall-operazzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt ma' strumenti oħrajn trid tkun identifikabbli b'mod espliċitu fl-istadji kollha taċ-ċiklu baġitarju; jisħaq, f'dan ir-rigward, li kwalunkwe kontribuzzjoni ta' dan it-tip trid tiġi riflessa kif xieraq fid-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni tal-programm għal Erasmus+; jinsisti li l-awtorità baġitarja għandha żżomm il-kontroll totali fuq il-mod kif ir-riżorsi jiġu kkombinati bejn l-istrumenti u fuq il-kontribuzzjoni effettiva ta' kull programm għall-prijoritajiet tal-Unjoni, partikolarment permezz ta' nomenklatura tal-baġit dettaljata; jisħaq li komplementarjetà msaħħa bejn il-programmi ma tridx twassal għal kumplessità sproporzjonata għall-benefiċjarji; jitlob li l-finanzjament tal-Unjoni jkun aktar ċar, aktar aċċessibbli u aktar koerenti sabiex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni u jiġi massimizzat l-impatt tal-investimenti;

11. Jirrakkomanda li sabiex jitrawwem il-bini tal-Unjoni tal-Ħiliet u tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni, għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-sinerġiji bejn il-programm Erasmus+ u l-Fond Ewropew għall-Kompetittività u Orizzont Ewropa; jinnota li tali sinerġiji jistgħu jinkludu kontribuzzjonijiet finanzjarji minn programmi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Kompetittività, li jikkontribwixxu għall-boroż ta' studju li qed jiġu introdotti f'Erasmus+ u li jaqgħu taħt

tieqa waħda jew aktar kif imsemmi fl-Artikolu 1 tar-regolament propost dwar il-Fond Ewropew għall-Kompetittività[3], filwaqt li Orizzont Ewropa jipprovdi valur miżjud fil-kontribut għas-sħubijiet għall-eċċellenza u l-innovazzjoni, inkluż għal vjaġġ bla xkiel taż-żgħażagħ li jsegwu karriera fir-riċerka, speċjalment il-komponent tal-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) tal-pilastru "Xjenza Eċċellenti" tar-regolament propost dwar l-istabbiliment ta' Orizzont Ewropa[4]; jissuġġerixxi li pjan ta' azzjoni mill-Kummissjoni li jiddeskrivi l-opportunitajiet għal sinerġiji ma' programmi oħra u kif dawn għandhom jitħaddmu jkun pass importanti lejn il-materjalizzazzjoni ta' tali sinerġiji fil-prattika;

12. Ifakkar li prattiki tajbin minn Stati Membri differenti wrew li l-FSE+ jista' jkun element komplementari importanti għall-programm Erasmus+, speċjalment fir-rigward tat-tisħiħ tal-komponent tal-inklużjoni tal-programm u t-trawwim tal-parteċipazzjoni ta' persuni b'inqas opportunitajiet; jinsisti li, peress li l-FSE+ qed isir parti integrali mill-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali (Fond SNR) taħt il-QFP 2028–2034, huwa essenzjali li jiġu permessi u appoġġati s-sinerġiji u l-komplementarjetà stabbiliti bejn il-programm u l-Fond SNR u l-PSNR;

13. Jisħaq li l-użu tad-dħul assenjat estern fl-ambitu tal-programm Erasmus+ irid ikun ċirkoskritt b'mod ċar, totalment trasparenti u soġġett għal skrutinju parlamentari effettiv; jieħu nota, f'dan ir-rigward, tad-dispożizzjonijiet relatati mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn kwalunkwe pajjiż terz parteċipant u partijiet terzi oħrajn; ifakkar fl-importanza li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tad-dħul assenjat estern; jissottolinja li, jekk il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jqis li jemenda dispożizzjonijiet relatati mad-dħul assenjat estern, dan għandu jsir f'koordinazzjoni mal-Kumitat għall-Baġits u mal-kumitati l-oħrajn sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti;

14. Jirrikonoxxi li l-kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi, inkluż mis-settur privat, jistgħu jkunu ta' benefiċċju għal Erasmus+; jenfasizza li tali kontribuzzjonijiet iridu jiġu implimentati f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari fir-rigward tal-indipendenza u l-imparzjalità;

15. Ifakkar fil-proposta għal regolament li jistabbilixxi qafas għall-ittrekkjar tan-nefqa baġitarja u għall-prestazzjoni tal-baġit u regoli orizzontali oħrajn għall-programmi u għall-attivitajiet tal-Unjoni (ir-"Regolament dwar il-Prestazzjoni"), li jistabbilixxi lista simplifikata unika għall-indikaturi tal-prestazzjoni u d-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, li wħud minnhom huma rilevanti għal Erasmus+; jissottolinja li kwalunkwe bidla fl-arkitettura, fl-objettivi u fl-azzjonijiet eliġibbli fl-ambitu tal-programm se jkun meħtieġ li tiġi riflessa b'mod xieraq fl-Anness I tar-Regolament dwar il-Prestazzjoni, bħala parti mill-proċess ta' emendar u ta' negozjar ta' dak ir-regolament; jirrimarka li, filwaqt li l-leġiżlazzjoni settorjali tista' tissupplimenta

[3] Il-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2025 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività ("FEK"), inkluż il-programm speċifiku għal attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni fil-qasam tad-difiża, li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/522, (UE) 2021/694, (UE) 2021/697, (UE) 2021/783, li jħassar id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (UE) 2021/696, (UE) 2023/588, u li jemenda r-Regolament (UE) [EDIP] (COM(2025)0555).

[4] Il-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2025 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, għall-perjodu 2028-2034 li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/695 (COM(2025)0543).

r-Regolament dwar il-Prestazzjoni, pereżempju fir-rigward tal-evalwazzjonijiet tal-programm, għandha tibqa' konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-regolament;

16. Ifakkar li skont l-Artikoli 6(2) u 6(3) tar-Regolament Finanzjarju, reġim ġenerali ta' kundizzjonalità japplika għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit f'każijiet ta' ksur tal-istat tad-dritt; jissottolinja, barra minn hekk, li l-Artikolu 6(3) tal-istess regolament jirrikjedi li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jeħtiġilhom, fl-implimentazzjoni tal-baġit, jiżguraw konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jirrispettaw il-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni, kif minqux fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; f'dan ir-rigward, jappella għal skrinjar *ex ante* komprensiv fil-proċess tal-proċedura tal-għoti fl-ambitu tal-programm;

17. Jinsisti li f'każijiet ta' ksur tal-istat tad-dritt mill-gvernijiet nazzjonali u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-Regolament 2020/2092, il-Kummissjoni għandha tesplora modi kif tiżgura li l-benefiċjarji u r-riċevituri finali potenzjali jkunu jistgħu jkomplu jibbenefikaw mill-finanzjament tal-Unjoni; jisħaq li dan il-prinċipju jinsab fil-qalba ta' approċċ ta' "kundizzjonalità intelliġenti";

18. Jitlob li mill-inqas 75 % tal-baġit tal-programm jiġi implimentat taħt ġestjoni indiretta, u jiġi żgurat livell adegwat ta' prevedibbiltà tar-riżorsi għall-aġenziji nazzjonali; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi evitat tnaqqis sostanzjali fil-baġit annwali allokat lill-Istati Membri minn sena għall-oħra; jisħaq li tali ġestjoni għandha tkun akkumpanjata minn mekkaniżmi robusti ta' sorveljanza u rapportar, inklużi salvagwardji adegwati rigward it-trasparenza, il-governanza tajba u l-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv tar-riżorsi;

19. Ifakkar li wieħed mill-akbar ostakli għall-parteċipazzjoni fil-programm, speċjalment għal persuni b'inqas opportunitajiet, jidher li huwa livell insuffiċjenti ta' finanzjament, li f'ħafna każijiet ma jqisx il-kostijiet tal-għajxien u tas-sussistenza fil-pajjiż ospitanti, ir-rati ta' inflazzjoni jew il-modalitajiet ta' akkomodazzjoni tal-istudenti; jistieden lill-Kummissjoni twettaq rieżami fil-fond tas-sistema attwali għall-istabbiliment ta' regoli ta' finanzjament għall-għotjiet ta' mobbiltà fl-ambitu tal-programm sabiex tiżgura li l-ammonti tal-għotjiet jiġu adattati għall-ħtiġijiet ta' dawk li jipparteċipaw fil-mobbiltajiet, u ssaħħaħ il-komponent tal-inklużjoni tal-programm Erasmus+, kif ukoll tippermetti parteċipazzjoni usa' u tappoġġa parteċipanti potenzjali li jiffaċċjaw restrizzjonijiet finanzjarji;

20. Jinsisti fuq kooperazzjoni strutturata mal-aġenziji nazzjonali fit-tħejjija tal-programmi ta' ħidma u tar-regoli ta' finanzjament riveduti.

21. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-programm jiġi mgħammar bl-għodod meħtieġa biex jirrispondi b'mod effettiv għal sitwazzjonijiet ta' kriżi li jaffettwaw lill-parteċipanti, inklużi kunflitti armati, instabbiltà ġeopolitika, pandemiji jew tfixkil kbir ieħor.

EMENDI

Fil-qafas tal-valutazzjoni baġitarja tiegħu, il-Kumitat għall-Baġits jippreżenta wkoll l-emendi li ġejjin għall-proposta:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qiegħed jinbidel malajr, l-esperjenza wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi ta' nfiq tal-Unjoni aktar flessibbli. Għal dak l-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-programm Erasmus+, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika u l-prijoritajiet tal-Unjoni li qegħdin jevolvu, kif identifikat fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.	9. F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qiegħed jinbidel malajr, l-esperjenza wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi ta' nfiq tal-Unjoni aktar flessibbli. Għal dak l-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-programm Erasmus+, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika u l-prijoritajiet tal-Unjoni li qegħdin jevolvu, kif identifikat fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà***, trasparenza u obbligu ta' rendikont*** suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit. ***Madankollu, il-ħtieġa għall-flessibbiltà jenħtieġ li tkun f'bilanċ mal-ħtieġa għal finanzjament pluriennali prevedibbli, sostenibbli u stabbli biex tiġi ppreservata l-kapaċità tal-benefiċjarji li jfasslu, jippjanaw u jsostnu inizjattivi ta' mobbiltà u bini tal-kapaċità ta' kwalità għolja, li jiffurmaw il-qalba tal-Programm.***

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
38. Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill japplika għal dan il-	38. Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill japplika għal dan il-

Programm. Dan jistipula r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inkluż ir-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, id-donazzjonijiet mhux finanzjarji, l-akkwist, il-ġestjoni indiretta, l-assistenza finanzjarja, l-istrumenti finanzjarji, il-garanziji baġitarji u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.	Programm. Dan jistipula r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inkluż ir-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, id-donazzjonijiet mhux finanzjarji, l-akkwist, il-ġestjoni indiretta, l-assistenza finanzjarja, l-istrumenti finanzjarji, il-garanziji baġitarji u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. ***F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 (ir-"Regolament Finanzjarju"), l-implimentazzjoni tal-Programm jenħtieġ li tirrispetta bis-sħiħ il-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u d-drittijiet rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.***

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 38a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(38a) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] japplika għal dan il-Programm. Huwa jistabbilixxi reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' ksur tal-prinċipji tal-Istat tad-Dritt fl-Istati Membri.
	[1a] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1; ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj).

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 44a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(44a) Huwa essenzjali li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament kif ukoll l-arranġamenti ta' governanza tiegħu jwasslu għat-teħid xieraq ta' deċiżjonijiet mill-awtorità baġitarja u għal sorveljanza parlamentari xierqa. B'mod partikolari, f'konformità mal-Artikolu 47(2) tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe speċifikazzjoni tal-arkitettura interna tal-Programm jenħtieġ li tiġi riflessa debitament fin-nomenklatura tal-baġit permezz tal-introduzzjoni ta' linji baġitarji korrispondenti.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 45a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(45a) Jenħtieġ li l-komplementarjetà bejn il-Programm u strumenti oħrajn tal-Unjoni ma tinkisibx għad-detriment tat-traċċabbiltà tan-nefqa jew tal-prerogattivi tal-awtorità baġitarja. Il-kontribuzzjoni tal-Programm għall-azzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt jenħtieġ li tibqa' identifikabbli b'mod espliċitu fl-istadji kollha taċ-ċiklu baġitarju u jenħtieġ li tiġi riflessa debitament fid-Dikjarazzjoni tal-Prestazzjoni tal-Programm.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 45b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(45b) Kull sena, l-awtorità nazzjonali u l-aġenzija nazzjonali Erasmus kif imsemmija fl-Artikoli 18 u 19 ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkonsultaw l-awtorità jew l-awtoritajiet ta' ġestjoni kif

imsemmija fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) [XXX] [PSNR] rigward sinerġiji possibbli bejn il-Pjanijiet SNR u l-Programm, inklużi trasferimenti possibbli għall-Programm. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi gwida dwar il-proċess u l-modalitajiet differenti u jenħtieġ li tiġi infurmata dwar l-eżitu ta' dawn id-diskussjonijiet kif xieraq.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 51a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(51a) L-implikazzjonijiet ta' dan ir-Regolament fuq il-baġit tal-Unjoni ġew ivvalutati⁺ skont l-Artikolu 310(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li jiġu allokati biżżejjed riżorsi finanzjarji, tal-IT u umani għall-implimentazzjoni tiegħu, filwaqt li jitqies l-impatt tal-finanzjament fuq programmi jew politiki oħra tal-Unjoni u tiġi żgurata l-kompatibbiltà tiegħu mal-qafas finanzjarju pluriennali, is-sistema tar-riżorsi proprji u l-ftehim interistituzzjonali korrispondenti, kif ukoll mal-prinċipji baġitarji stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].* ***⁺ Pro memoria: valutazzjoni baġitarja tal-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew ta' (XX) 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Erasmus+ għall-perjodu 2028–2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888 (COM(2025)0549). ***[1] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit***

	ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pakkett ***finanzjarju indikattiv*** għall-implimentazzjoni ***tal-Programm*** għall-perjodu 2028–2034 ***huwa*** stabbilit għal EUR ***40 827 000 000 fil-prezzijiet attwali***.	1. Il-pakkett ***tal-programm*** għall-implimentazzjoni ***tar-Regolament*** għall-perjodu 2028–2034 ***għandu jkun*** stabbilit għal EUR ***47 387 963 000 fi prezzijiet attwali (EUR 42 000 000 000 fi prezzijiet tal-2025)***.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' ***tirċievi anke*** kontribuzzjoni fl-ambitu tal-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew ***inkella*** jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-kostijiet eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.	1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' ***wkoll tirċievi*** kontribuzzjoni fl-ambitu tal-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-kostijiet eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata* f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ. ***Il-Kummissjoni għandha tindirizza s-sinerġiji bejn il-Programm u programmi oħra tal-Unjoni fid-Dikjarazzjoni tal-Prestazzjoni tal-***

	Programm stabbilita fl-Artikolu 41(3)(h) tar-Regolament Finanzjarju u fid-dokumenti rilevanti ta' programmazzjoni u rapportar.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, il-finanzjament għandu jingħata bħala ***finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jew, meta jkun meħtieġ,*** opzjonijiet ***ta' kostijiet*** issimplifikati, f'konformità ***mar-Regolament*** (UE, Euratom) 2024/2509. Il-finanzjament jista' jingħata fil-forma ta' rimborż reali tal-kost eliġibbli***,*** meta l-objettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jinkisbu mod ieħor ***biss***.	5. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, il-finanzjament għandu jingħata bħala opzjonijiet ***tal-kostijiet*** issimplifikati, f'konformità ***mal-Artikolu 125 tar-Regolament*** (UE, Euratom) 2024/2509. Il-finanzjament jista' jingħata fil-forma ta' rimborż reali tal-kost eliġibbli ***biss*** meta l-objettivi ta' azzjoni ma jkunux jistgħu jinkisbu mod ieħor.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal valutazzjoni baġitarja jiddikjara li fil-valutazzjoni baġitarja tiegħu inkluda kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċieva, għat-tħejjija tal-valutazzjoni baġitarja, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
Slovak Academic Association for International Cooperation (SAAIC)
German Academic Exchange Service (DAAD)
Foundation for the Development of the Education System (FRSE)
Czech National Agency for International Education and Research (DZS)
Federal Institute for VET (BIBB)
European Olympic Committees EU Office
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva ir-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur għal valutazzjoni baġitarja jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JOĦROĠ VALUTAZZJONI BAĠITARJA

Titolu	L-istabbiliment tal-programm Erasmus+ għall-perjodu 2028–2034, u t-tħassir tar-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888
Referenzi	COM(2025)0549 – C10-0170/2025 – 2025/0222(COD)
Kumitat(i) responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 23.10.2025
Valutazzjoni baġitarja maħruġa minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 23.10.2025
Rapporteur għal valutazzjoni baġitarja Data tal-ħatra	Lucia Yar 19.1.2026
Eżami fil-kumitat	8.4.2026
Data tal-adozzjoni	23.6.2026
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27 –: 4 0: 3

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
MILL-KUMITAT LI JINTALAB JOĦROĠ VALUTAZZJONI BAĠITARJA

27	+
ECR	Tobiasz Bocheński, Arkadiusz Mularczyk, Bogdan Rzońca
PPE	Isabel Benjumea Benjumea, Michalis Hadjipantela, Andrzej Halicki, Monika Hohlmeier, Janusz Lewandowski, Gabriel Mato, Danuše Nerudová, Karlo Ressler, Hélder Sousa Silva
Renew	Olivier Chastel, Fabienne Keller, Lucia Yar
S&D	Mohammed Chahim, Matthias Ecke, Nikolas Farantouris, Jean-Marc Germain, Sandra Gómez López, Victor Negrescu, Matjaž Nemec, Nils Ušakovs
The Left	João Oliveira
Verts/ALE	Ignazio Roberto Marino, Rasmus Nordqvist, Nicolae Ștefănuță

4	-
ESN	Alexander Jungbluth
NI	Thomas Geisel
PfE	Valérie Deloge, Aleksandar Nikolic

3	0
PfE	Tomasz Buczek, Tamás Deutsch, Antonín Staněk

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni